MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2012

Rikors Numru. 992/2012

**Fl-atti tal-Mandat ta` Qbid Ezekuttiv Nru. 1024/2012 CP fl-ismijiet :**

**Dr. Carmel Chircop (K.I. 35164M)**

***u***

**P.L. Edgar Montanaro (K.I. 22049M)**

***kontra***

**Dolphin Industrial Services Ltd (C28232)**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat ir-rikors ta` Dolphin Industrial Services Ltd ("ir-rikorrenti") li kien prezentat fit-3 ta` Ottubru 2012 fejn, ghar-ragunijiet hemm moghtija, talbet it-thassir u revoka tal-Mandat ta` Qbid Ezekuttiv fl-ismijiet premessi ("il-Mandat") a tenur tal-Art.281 tal-Kap.12.

Rat id-digriet taghha tal-5 ta` Ottubru 2012 fejn ordnat in-notifika tal-atti lill-intimati b`terminu ta` ghaxart ijiem biex iwiegbu u appuntat ir-rikors ghas-smigh ghall-udjenza tat-18 ta` Ottubru 2012 fis-01.15 p.m.

Qieset id-dikjarazzjoni li saret mill-intimat P.L. Edgar Montanaro fl-udjenza tat-18 ta` Ottubru 2012.

Qieset ukoll ir-risposta li l-intimat Av. Carmel Chircop ivverbalizza fl-udjenza tat-23 ta` Ottubru 2012.

Semghet id-deposizzjoni ta` Daniel Farrugia u ta` l-Av. Carmel Chircop fl-udjenza tat-23 ta` Ottubru 2012.

Semghet is-sottomissjonijiet tad-difensuri.

Rat id-dokumenti li kienu esebiti mill-partijiet.

Rat id-digriet taghha tat-23 ta` Ottubru 2012 fejn halliet ir-rikors ghal provvediment ghall-udjenza tal-1 ta` Novembru 2012 fid-9.00 a.m.

Rat id-digriet taghha tas-26 ta` Ottubru 2012 fejn irrikjamat ir-rikors sabiex taghti l-provvediment fl-udjenza tal-lum.

**Ikkunsidrat :**

## II. <u>Dritt</u>

Skond l-**<u>Art.253(c) tal-Kap.12</u>**, huma titoli ezekuttivi *taxxi ta` drittijiet u spejjez gudizzjarji, mahruga favur ta` avukat, prokuratur legali, nutar pubbliku, perit jew perit iehor imqabbad minn qorti, jew xhud, meta dawn it-taxxi ma jkunux gew attakkati skont il-ligi.*

Skond l-**<u>Art.256(2) tal-Kap.12</u>**, l-esekuzzjoni ta` titolu esekuttiv bhal dak tal-kaz tal-lum ma tistax issir hlief wara jumejn ghall-anqas min-notifika ta` sejha ghall-hlas maghmula b`att gudizzjarju.

Skond l-**<u>Art.281(1) tal-Kap.12</u>**, *minghajr pregudizzju ghal kull jedd iehor taht din il-ligi jew xi ligi ohra, persuna kontra min jinhareg att ezekuttiv jew xi persuna ohra interessata, tista' taghmel rikors li jkun fih is-sottomissjonijiet kollha li tista' tkun tixtieq taghmel flimkien mad-dokumenti*
*kollha li jsostnu r-rikors lil dik il-qorti li tkun harget dak l-att fejn titlob li l-att ezekuttiv jithassar, sew ghal kollox jew f'parti minnu biss, ghal raguni valida skont il-ligi.*

Skond l-**<u>Art.281(2) tal-Kap.12</u>**, *ir-rikors ghandu jigi notifikat lill-parti opposta li, fi zmien ghaxart ijiem, ghandha tipprezenta risposta li jkun fiha ssottomissjonijiet kollha li tista' tkun tixtieq taghmel flimkien mad-dokumenti kollha li jsostnu r-risposta li tista' tipprezenta : Izda l-qorti tista', f'kazijiet urgenti, tirriduci l-perjodu msemmi f'dan is-subartikolu. Fin-nuqqas ta' din l-oppozizzjoni, il-qorti ghandha tilqa' t-talba.*

Skond l-**<u>Art.281(3) tal-Kap.12</u>**, *il-qorti ghandha tiddeciedi dwar ir-rikors wara s-smigh tal-partijiet, u kull*

*xiehda li jidhrilha xierqa, jekk tahseb hekk, u dan mhux iktar tard minn perjodu ta' xahar mill-jum tal-prezentata.*

**Ikkunsidrat :**

**III. <u>Kontestazzjoni</u>**

Apparti kwistjonijiet ta` procedura u sostanza li jolqtu l-**<u>ezekuzzjoni</u>** tat-titolu ezekuttiv, ir-rikorrenti, kif del resto tghid fir-ragunijiet taghha ghall-presentata tar-rikors, mhijiex tikkontesta bhala **<u>titoli ezekuttivi</u>** z-zewg taxxi li huma esebiti : l-ewwel wahda a fol 6 u u t-tieni wahda fit-tergo ta` fol 7. Fil-fatt mhuwiex kontestat illi r-rikorrenti ma hadet l-ebda azzjoni biex tattakka dawk it-titoli ezekuttivi.

Waqt it-trattazzjoni tar-rikors, il-partijiet, minflok ikkoncentraw fuq il-kwistjoni ewlenija ta` dan il-procediment u cioe` jekk **<u>l-ezekuzzjoni</u>** tat-titoli ezekuttivi saritx kif trid il-ligi, intilfu, marru nutilment ghall-fini tal-procediment tal-lum ghar-relazzjoni li kien hemm bejn l-Av. Carmel Chircop u l-familja Farrugia, kemm bhala individwi kif ukoll azzjonisti u diretturi ta` kumpanniji kontrollati minnhom. Ittrattaw anke b`dettall kif originat dik ir-relazzjoni, in-natura taghha, l-ghamla ta` prestazzjonijiet li nghataw mill-Av. Chircop u x`wassal biex dik ir-relazzjoni tintemm. Issoffermaw fuq il-kwistjoni ta` kif kien regolat il-hlas tal-Av. Chircop : in partikolari l-kontestazzjoni fejn min-naha wahda l-Av. Chircop ighid illi d-drittijiet u l-ispejjez tieghu bhala avukat difensur tal-familja Farrugia u tal-kumpanniji taghhom fil-kawzi fejn kienu involuti ma kienx kopert mir-*retainer* li kellu maghhom propju ghaliex ir-*retainer* kienet tithallas mhux ghax kien avukat taghhom izda ghaliex kien konsulent taghhom l-ewwel u wara anke direttur tal-kumpanniji, u min-naha l-ohra it-tesi tar-rikorrenti illi r-*retainer* propju ghaliex kien sostanzjali fl-ammont kien ikopri l-prestazzjonijiet kollha tal-Av. Chircop. Hi x`hini l-verita`, materja bhal din ma tinkwadrax ruhha u mhijiex rilevanti

fil-procediment li din il-Qorti ghandha quddiemha. Se mai s-sostanza tal-vertenza bejn il-partijiet trid tkun il-mertu ta` procediment gudizzjarju *ad hoc* li trid ifittex u jsib tarf taghha ta` *dik* il-kwistjoni. Mhuwiex certament *dan* il-forum ghar-risoluzzjoni gudizzjarja ta` l-mertu tal-vertenza ghaliex l-procediment tal-lum ghandu parametri ristretti u prefissi mil-ligi.

**Ikkunsidrat :**

## IV. <u>Risultanzi</u>

**<u>It-taxxa fil-kawza "C & M Development Limited vs Louis Farrugia et" (Citaz. Nru. 1238/09 CFS)</u>** harget fid-29 ta` Mejju 2012 fuq talba tal-Av. Chircop wara li rrinunzja ghall-patrocinju tal-konvenuti. L-ammont indikat fil-kolonna tal-konvenut juri l-figura ta` €6,561.48. Minn din is-somma, kienet imponibbli taxxa fuq il-valur mizjud fuq l-ammont ta` €5,557.53c rapprezentanti d-drittijiet tal-avukat u tal-prokuratur legali fl-ammont ta` €1,000.36. Dan ifisser illi fil-mument li harget it-taxxa, fil-kaz tal-konvenut, kienet tirrizulta figura globali ta` €7,561.84, in kwantu ghal €6,561.48 bhala spejjez tal-konvenut, u drittijiet tal-avukat u tal-prokuratur legali, in kwantu ghal €1,000.36 bhala taxxa fuq il-valur mizjud. Billi t-taxxa fuq il-valur mizjud hija accessorja ghall-ammont li jidher fit-taxxa, meta persuna tigi ghall-ezekuzzjoni tat-titolu ezekuttiv, ghandha l-jedd kollu li tinkludi t-taxxa fuq il-valur mizjud ma` dak li huwa dovut lilha skond it-taxxa. L-att gudizzjarju li kien intiz biex irendi ezegwibbli din it-taxxa kienet l-ittra ufficjali tat-30 ta` Mejju 2002 (tergo ta` fol 5). Jirrizulta li l-intimat f`dak l-att gudizzjarju ma kienux il-konvenuti fil-kawza "C & M Development Limited vs Louis Farrugia et" (Citaz. Nru. 1238/09 CFS) izda r-rikorrenti li ma kenitx parti f`dik il-kawza. Jirrizulta li kien l-Av. Chircop wahdu (mhux flimkien mal-P.L. Edgar Montanaro) li talab l-ezekuzzjoni tat-titolu ezekuttiv. Jirrizulta li l-ammont mitlub mill-Av. Chircop fl-att gudizzjarju kien superjuri ghall-oghla ammont li kellu jedd jitlob. Wara li

ghaddew il-jumejn tan-notifika tal-att gudizzjarju skond l-Art.256(2) tal-Kap.12, u kien prezentat il-Mandat, din id-darba mhux biss mill-Av. Chircop izda wkoll mill-P.L. Montanaro, intalab ghar-rigward tat-taxxa in kwistjoni, total li ma jaqbilx ma` dak li nghad fl-att gudizzjarju. Din il-Qorti tghid illi sabiex l-att gudizzjarju jirrendi ezegwibbli t-titolu ezekuttiv irid ikun konformi ma` dak it-titolu ezekuttiv kemm ghal dak illi huwa ammont, kemm ghal dik li hija kawza, kemm ghal dak illi huwa l-kreditur, kif ukoll ghal dak illi huwa d-debitur. Dawn il-fatturi huma nieqsa fil-kaz tal-lum.

**<u>It-taxxa fil-kawza "Joseph Caruana & Co. Ltd. Vs Dolphin Industrial Services Limited" (Citaz. Nru. 699/09 GCD)</u>** harget fil-25 ta` Frar 2011 wara li kienet deciza l-kawza fit-8 ta` Frar 2001. L-Av. Chircop kien jidher ghall-kumpannija konvenuta. L-ammont indikat fil-kolonna tal-konvenut juri l-figura ta` €2,196.49. Minn din is-somma, kienet imponibbli taxxa fuq il-valur mizjud fuq l-ammont ta` €1,774.88 rapprezentanti d-drittijiet tal-avukat u tal-prokuratur legali fl-ammont ta` €319.48. Dan ifisser illi fil-mument li harget it-taxxa, fil-kaz tal-konvenut, kienet tirrizulta figura globali ta` €2,515.97, in kwantu ghal €2,196.49 bhala spejjez tal-konvenut, u drittijiet tal-avukat u tal-prokuratur legali, in kwantu ghal €319.48 bhala taxxa fuq il-valur mizjud. Billi t-taxxa fuq il-valur mizjud hija accessorja ghall-ammont li jidher fit-taxxa, meta persuna tigi ghall-ezekuzzjoni tat-titolu ezekuttiv, ghandha l-jedd kollu li tinkludi t-taxxa fuq il-valur mizjud ma` dak li huwa dovut lilha skond it-taxxa. L-att gudizzjarju li kien intiz biex irendi ezegwibbli din it-taxxa kienet l-ittra ufficjali tat-22 ta` Gunju 2012 (tergo ta` fol 7). Jirrizulta li l-intimat f`dak l-att gudizzjarju kienet il-kumpannija rikorrenti li kienet parti f`dik il-kawza. Jirrizulta li kien l-Av. Chircop wahdu (mhux flimkien mal-P.L. Edgar Montanaro) li talab l-ezekuzzjoni tat-titolu ezekuttiv. Jirrizulta li l-ammont mitlub mill-Av. Chircop fl-att gudizzjarju kien superjuri ghall-oghla ammont li kellu jedd jitlob. Wara li ghaddew il-jumejn tan-notifika tal-att gudizzjarju skond l-Art.256(2) tal-Kap.12, u kien prezentat il-Mandat, din id-darba mhux biss mill-Av. Chircop izda wkoll mill-P.L. Montanaro,

intalab ghar-rigward tat-taxxa in kwistjoni, total li ma jaqbilx ma` dak li nghad fl-att gudizzjarju. Din il-Qorti terga` tghid illi sabiex l-att gudizzjarju jirrendi ezegwibbli t-titolu ezekuttiv irid ikun konformi ma` dak it-titolu ezekuttiv kemm ghal dak illi huwa ammont, kemm ghal dik li hija kawza, u kemm ghal dak illi huwa l-partijiet. Dawn il-fatturi huma nieqsa fil-kaz tal-lum.

Din il-Qorti hadet ukoll konjizzjoni tad-dikjarazzjoni tal-P.L. Montanaro fl-udjenza tat-18 ta` Ottubru 2012 meta ddikjara illi ma kellu l-ebda pretensjoni fil-konfront tar-rikorrenti, li jekk kellu jithallas drittijiet minghandha kien qieghed jirrinunzja ghalihom, u ghalhekk ma kellu l-ebda interess fil-Mandat.

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti qeghda tiddeciedi dwar ir-rikors tal-kumpannija Dolphin Industrial Services Ltd (C28232) billi tilqa` t-talba taghha u ghalhekk qeghda thassar u tirrevoka l-Mandat ta` Qbid Ezekuttiv Nru. 1024/2012 CP fl-ismijiet "Dr. Carmel Chircop (K.I. 35164M) u l-P.L. Edgar Montanaro (K.I. 22049M) vs Dolphin Industrial Services Ltd (C28232)". L-ispejjez ta` dan il-procediment jithallsu mill-intimati.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------